# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025**

**Avviż Nru: 131/2024**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Michael Debono Limited (C10002)**

**vs**

**Ledion Maze (K.I. 0189754A) u Eleriona Maze (K.I. 0224512A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressqa fil-21 ta' Ġunju 2024[1], permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lil konvenuti jħallsu l-ammont ta' disat elef, erbgħa mija u sebgħa Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€9,407.66ċ) rappreżentanti bilanċ u imgħax kapitalizzati mhux imħallas skond ftehim ta' *hire purchase* datat 4 ta' Lulju 2019.

Rat id-dokumenti annessi mal-Avviż[2].

---

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] Bejn fol 5 u 11 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Ġunju 2024[3].

Rat li kien hemm diversi seduti sabiex tiġi finalizzata l-proċedura tan-notifika, liema proċedura ġiet konkluża fit-23 ta' Ottubru 2024[4].

Rat dak li seħħ fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024[5] fejn instemgħet x-xhieda ta' Dr. Karl Grech[6] u nstemgħet it-trattazzjoni finali[7]. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat li l-konvenuti għażlu li ma jressqux risposta formali u lanqas jidhru f'dawn il-proċeduri.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenuti għażlu li ma jweġbux formalment għal din l-azzjoni u lanqas jirreġisraw dehra fihom.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[8]. Jekk l-attur mbagħad

[3] A fol 12 tal-proċess.
[4] A fol 27 tal-proċess.
[5] Verbal relattiv jinsab a fol 77 tal-proċess.
[6] Din tibda a fol 78 tal-proċess.
[7] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat u tibda a fol 110 tal-proċess.
[8] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et,*

jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[9].

Illi mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li l-kontendenti kienu daħlu fi ftehim fl-4 ta' Lulju 2019 għal xiri ta' vettura. F'dan il-ftehim ġie miftiehem li l-ħlas kellu jsir b'diversi skadenzi għad li, f'każ li l-intimati jaqgħu lura fil-pagamenti, allura s-soċjetà attriċi tkun tista', kif tiddeċiedi hi, tagħżel billi jew tittermina l-kuntratt, jew inkella tittermina l-jedd tal-intimati għal-benefiċċju taż-żmien u titlob l-ammont rimanenti kollu f'daqqa[10]. F'dan il-każ mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi jirriżulta li l-vettura baqgħet fil-pussess tal-intimati, u s-soċjetà attriċi għażlet li tittermina l-benefiċċju taż-żmien mogħti lill-intimati u titlob il-pagament sħiħ. Jingħad ukoll li l-partijiet ftehmu li ma kull skadenza kien għaddej imgħax bis-7%.

Illi tajjeb jiġi ċċarat ukoll li, għad li fl-iskrittura jissemmew kambjali, u mix-xhieda jirriżulta li għal dawn l-iskadenzi ġew iffirmati kambjali, l-istess kambjali huma totalment estranji f'dawn il-proċeduri. Dawn il-proċeduri jikkonċernaw biss u sempliċiment nuqqas ta' ħlas skond il-pattijiet liberalment miftehma bejn il-kontendenti.

---

*Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[9] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

[10] Artikolu 6.2 u 6.3 tal-iskrittura relattiva.

Illi din il-Qorti rat bir-reqqa id-dokument imressaq mis-soċjetà attriċi li jagħti spjega tajba tal-aritmetika li twassal għall-ammont hawn mitlub[11]. Sakemm is-soċjetà attriċi baqgħet tistenna li l-intimati jwettqu ħlasijiet, kien għadu għaddej l-imgħax ta' 7% miftiehem. Issa, huwa minnu wkoll li s-soċjetà attriċi ressqet ittri legali qabel ma mxiet ġudizzjarjament, iżda l-Qorti ma ssibx li dawk kienu suffiċjenti sabiex jitqies bħala intimazzjoni li bihom kienet qiegħda tgħarraf lid-debituri dwar it-telfa tal-benefiċċju taż-żmien għal-ħlas. Dan kemm għaliex ma jirriżultax li dawk l-ittri ġew notifikati, iżda, iktar minn hekk, minn qari tagħhom[12] jirriżulta biss lis-soċjetà attriċi kienet qiegħda titlob biss il-ħlas tal-bilanċ akkumulat u tirriżerva l-jedd tagħha li tmexxi bil-mod kif trid il-klawżola 6.3 tal-iskrittura.

Illi wkoll, l-ittra uffiċjali mressqa qabel dawn il-proċeduri[13] ma ġietx notifikata.

Illi dan ifisser li kien biss bil-ftuħ ta' dawn il-proċeduri[14] li seħħet l-interpellazzjoni għall-imgħax fuq l-imgħax diġà kapitalizzat. Kif intqal, din il-Qorti qiegħda taqbel mal-ammonti u l-ispjega magħmula. Biex ikun ingħad kollox, strettament, s-soċjetà attriċi kellha jedd titlob li jiġi inkluż ukoll l-imgħax fuq l-iskadenzi enumerati 58 u 59, għaliex kien biss bit-tressieq ta' dawn il-proċeduri li ntilef il-benefiċċju taż-żmien. Madankollu, l-Qorti hija marbuta toqgħod mal-ammont mitlub, ġaladarba dan jinsab identifikat, mingħajr talba għal ammont verjuri[15].

---

[11] A fol 105 tal-proċess hemm eżebit id-dokument mressaq waqt ix-xhieda ta' Dr. Grech, l-istess dokument anness mal-Avviż promotur.
[12] A fol 85 u 86 tal-proċess.
[13] A tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
[14] Ara, sa fejn hekk hija applikabbli (għaliex il-mertu f'dan il-każ kien mutwu) dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta plc vs Ludwig Calleja *et,*</u>** (App Ċiv Nru: 744/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2023.
[15] Dwar it-tifsira tal-kelma verjuri, issir referenza għas-sentenza fl-<u>ismijiet **S&D Yachts Ltd vs Dr. Beppe Fenech Adami *noe et***</u>, (Ċit Nru: 2329/2000/1) mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-20 ta' Ġunju 2002 (mhux appellata) fejn intqal hekk: *"Illi, fil-fehma meqjusa*

Illi mill-ġurnata tal-21 ta' Ġunju 2024 imbagħad, jitwaqqaf l-imgħax miftiehem bejn il-partijiet u jiskatta l-imgħax fuq l-ammont globali bir-rata li jrid il-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tajjeb jingħad ukoll li fis-somma maħduma mis-soċjetà attriċi (salv għal fatt hawn fuq imsemmi, li s-soċjetà attriċi f'dan il-każ kellha jedd għall-iktar) twaqqaf l-imgħax miftiehem f'April 2024 (mhux minn Ġunju 2024) u minn hemm titlob biss bilanċ tal-kapital mhux imħallas.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lil-konvenuti *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disat elef, erba' mija u seba' Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€9,407.66ċ) bl-imgħax legali mill-21 ta' Ġunju 2024[16] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra uffiċjali[17] u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju[18] msemmija fl-Avviż promotur, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

---

*tagħha, il-Qorti tqis li l-frażi "jew ammont verjuri" fl-ewwel talba, jagħtiha l-jedd li tqis ukoll spejjeż oħrajn pruvati li l-kumpannija attriċi setgħet saret passibbli għalihom matul is-smigħ tal-kawża sewwasew minħabba s-servizzi li hija kienet qegħda tagħti u li huma marbuta sfiq mal-premessi li wassluha tibda din il-kawża."* Dan il-ħsieb ġie ulterjorment imħaddan fis-sentenza fl-**ismijiet David Cutajar vs Aaron Schembri,** (Rik Maħluf Nru: 1201/2020) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar 2024 (mhux appellata) u minn mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Lorna Farrugia vs Emmanuel Baldacchino *et*,** (Rik Nru: 343/2023) mogħtija nhar is-16 ta' Mejju 2024 (mhux appellata).

[16] Data tal-preżentata ta' din il-kawża.

[17] Kopja eżebita a fol 90 tal-proċess.

[18] Kopja eżebita a fol 106 tal-proċess.

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur